2025/2516

11.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2516

tal-4 ta' Diċembru 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni u l-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tat-Turkija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija [1] (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") ġie ffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963. Huwa jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni. Ir-regoli dwar l-aħħar fażi tal-Unjoni Doganali UE-Turkija huma stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 [2], li daħlet fis-seħħ fl-31 ta' Diċembru 1995 (id-"Deċiżjoni Nru 1/95").

(2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija (il-"Kunsill ta' Assoċjazzjoni") twaqqaf skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati biex jassistu fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 2/69 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-15 ta' Diċembru 1969 [3] ("id-Deċiżjoni Nru 2/69") stabbiliet il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

(4) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 2/69 jistipula li "l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Partijiet Kontraenti bl-għan tal-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet doganali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u biex iwettaq walunkwe kompitu ieħor fil-qasam doganali li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jafda lilu".

(5) Skont l-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Nru 1/95, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandujistabbilixxi l-miżuri xierqa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet doganali li jinsabu f'dakl-Artikolu.

(6) Is-sigurtà u s-sikurezza, u l-faċilitazzjoni tal-katina tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali, jistgħu jittejbu b'mod sinifikanti permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-programmi rispettivi ta' sħubija kummerċjali, jiġifieri tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati (AEO) tal-Unjoni u l-programm nazzjonali tal-AEO tar-Repubblika tat-Turkija ("it-Turkija").

(7) Iż-żewġ programmi tal-AEO huma bbażati fuq standards ta' sigurtà rikonoxxuti internazzjonalment rakkomandati mill-Qafas ta' Standards SAFE biex Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 2005 ("il-Qafas SAFE").

(8) Ir-rikonoxximent reċiproku jippermetti lill-Partijiet Kontraenti jipprovdu benefiċċji faċilitattivi lill-operaturi ekonomiċi li jkunu investew fis-sigurtà tal-katina tal-provvista u li jkunu ġew awtorizzati skont il-programmi rispettivi tagħhom.

[1] ĠU L 361, 31.12.1977, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1964/732/oj.
[2] Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-faži finali tal-Unjoni Doganali (ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1(5)/oj).
[3] Deċiżjoni mhux ippubblikata.

(9) Iż-żjarat fuq il-post u evalwazzjoni konġunta tal-programmi tal-AEO fl-Unjoni u fit-Turkija żvelaw li l-istandards tal-kwalifiki tagħhom għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza huma kompatibbli u jwasslu għal riżultati ekwivalenti.

(10) Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali matul il-laqgħa tiegħu fl-2026 jew permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jsir hekk, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-AEO (il-parti dwar is-sigurtà) tal-Unjoni u tal-programm tal-AEO tat-Turkija.

(11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali peress li d-deċiżjoni tiegħu dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi tal-AEO se jkollha effetti legali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni u l-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tat-Turkija għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

T. DANIELSEN

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru…/2026 TAL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI BEJN L-UE U T-TURKIJA

ta' …

dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tal-Unjoni Ewropea u l-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati tar-Repubblika tat-Turkija

IL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI,

WARA LI KKUNSIDRA l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija ffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 2(1) u 7 tiegħu, u d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punt (c) u l-Artikolu 28(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 2(1) tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u t-Turkija ffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") jistabbilixxi li "l-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet".

(2) L-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistipula li "il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa, kemm ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-Ftehim".

(3) L-Artikolu 28(1), il-punt (c), tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 (id-"Deċiżjoni dwar l-Unjoni Doganali") jistabbilixxi li r-Repubblika tat-Turkija ("it-Turkija") għandha tadotta dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-Kodiċi Doganali Komunitarju u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-introduzzjoni ta' merkanzija fit-territorju tal-Unjoni Doganali.

(4) L-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni dwar l-Unjoni Doganali jistabbilixxi li l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jistabbilixxi l-miżuri xierqa għall-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet.

(5) Is-sigurtà u s-sikurezza, u l-faċilitazzjoni tal-katina tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali, jistgħu jittejbu b'mod sinifikanti permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-programmi rispettivi ta' sħubija kummerċjali, jiġifieri tal-programm tal-operatur ekonomiku awtorizzat (AEO, Authorised Economic Operator) tal-Unjoni u l-programm nazzjonali tal-AEO tat-Turkija.

(6) Iż-żewġ programmi tal-AEO huma bbażati fuq standards ta' sigurtà rikonoxxuti internazzjonalment rakkomandati mill-Qafas ta' Standards SAFE biex jiġi Żgurat u Ffaċilitat dwar il-Kummerċ Globali adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 2005 ("il-Qafas SAFE", Security Action for Europe).

(7) Ir-rikonoxximent reċiproku jippermetti lill-Partijiet Kontraenti jipprovdu benefiċċji faċilitattivi lill-operaturi ekonomiċi li jkunu investew fis-sigurtà tal-katina tal-provvista u li jkunu ġew awtorizzati skont il-programmi rispettivi tagħhom.

(8) Iż-żjarat fuq il-post u evalwazzjoni konġunta tal-programmi tal-AEO fl-Unjoni u fit-Turkija żvelaw li l-istandards tal-kwalifiki tagħhom għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza huma kompatibbli u jwasslu għal riżultati ekwivalenti.

(9) Id-Deċiżjoni 2/69 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-15 ta' Diċembru 1969 li tistabbilixxil-Kumitat dwar ilKooperazzjoni Doganali ([3]) u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, tistipula li l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Partijiet Kontraenti bil-ħsieb tal-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet doganali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u għat-twettiq ta' kwalunkwe kompitu ieħor fil-qasam doganali li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jafdalu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU KE L 361, 31.12.1977, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1964/732/oj.
([2]) ĠU KE L 35, 13.2.1996, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1995/1(5)/oj.
([3]) Deċiżjoni mhux ippubblikata.

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-Unjoni Ewropea (l-"Unjoni") u r-Repubblika tat-Turkija ("it-Turkija") msejħa individwalment "Parti" jew kollettivament bħala "Partijiet", u japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Awtorità Doganali" tfisser l-awtorità doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni jew l-awtorità doganali tat-Turkija, minn hawn 'il quddiem imsejħa kollettivament "Awtoritajiet Doganali":

(2) "Operatur ekonomiku" tfisser persuna involuta fil-moviment internazzjonali tal-merkanzija.

(3) "Data personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (is-"suġġett tad-data"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

(4) "Programm" tfisser:

(a) fl-Unjoni: l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat (AEO) għas-sigurtà u s-sikurezza mogħti skont l-Artikolu 38(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(b) fit-Turkija: il-programm AEO mogħti skont l-Artikolu 5/A tal-Kodiċi Doganali (Nru 4458 ([5])) u r-Regolament dwar il-Faċilitazzjoni tal-Proċeduri ta' Approvazzjoni Doganali ([6]);

(5) "Membri tal-Programm" tfisser operaturi ekonomiċi li għandhom status ta' AEO fl-Unjoni u operaturi ekonomiċi li għandhom status ta' sħubija fit-Turkija kif imsemmi fil-punt (4) meta msemmija kollettivament.

Artikolu 2

Rikonoxximent reċiproku u implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

1. Il-Programmi tal-Unjoni u t-Turkija qegħdin hawnhekk jiġu rikonoxxuti reċiprokament li huma kompatibbli u l-istatus tal-AEO rispettiv mogħti huwa aċċettat b'mod reċiproku.

2. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw din id-Deċiżjoni permezz tal-Awtoritajiet Doganali rispettivi tagħhom.

Artikolu 3

Kompatibbiltà

1. L-Awtoritajiet Doganali għandhom jikkooperaw biex iżommu l-kompatibbiltà bejn il-Programmi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċess tal-applikazzjoni għall-għoti ta' status u sħubija ta' AEO;

(b) il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet;

(c) l-għoti tal-istatus u s-sħubija tal-AEO;

(d) il-ġestjoni, il-monitoraġġ, is-sospensjoni, ir-rivalutazzjoni, u r-revoka tal-istatus u s-sħubija tal-AEO;

(e) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Doganali u l-awtoritajiet ambjentali għall-promozzjoni tal-istatus u l-konformità tas-sħubija tal-AEO mal-istandards ambjentali internazzjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-programmi ta' sħubija kummerċjali joperaw skont l-istandards rilevanti tal-Qafas SAFE.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).
([5]) ĠU tar-Repubblika tat-Turkija 23866, 04.11.1999, pp.9-69 (riformulazzjoni ĠU 27281, 07.07.2009).
([6]) ĠU tar-Repubblika tat-Turkija 28524, 10.01.2013, pp.11-59.

Artikolu 4

Benefiċċji

1. Kull Awtorità Doganali għandha tipprovdi benefiċċji lill-Membri tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra li jkunu komparabbli mal-benefiċċji li tipprovdi lill-Membri tal-Programm tagħha.

2. Il-benefiċċji msemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) kontrolli relatati mas-sigurtà u mas-sikurezza mnaqqsa: kull Awtorità Doganali tqis l-istatus ta' Membru tal-Programm mogħti mill-Awtorità Doganali l-oħra b'mod favorevoli fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha sabiex tnaqqas l-ispezzjonijiet jew il-kontrolli u f'miżuri oħra relatati mas-sigurtà u s-sikurezza;

(b) l-għoti ta' prijorità lill-ispezzjoni ta' kunsinni koperti minn dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ jew tad-dħul u dikjarazzjonijiet tat-tranżitu li jinkludu l-istess elementi tad-data meħtieġa għal dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul jew tal-ħruġ, ippreżentati minn Membru tal-Programm jekk l-Awtorità Doganali tiddeċiedi li tipproċedi bi spezzjoni.

(c) ir-rikonoxximent tal-istatus tas-sħab kummerċjali matul il-proċess tal-applikazzjoni: kull Awtorità Doganali tqis l-istatus ta' Membru tal-Programm mogħti mill-Awtorità Doganali l-oħra bl-għan li tittratta lill-Membru tal-Programm bħala msieħeb sigur u sikur meta tivvaluta r-rekwiżiti tal-imsieħba kummerċjali għall-applikanti skont il-Programm tagħha;

(d) mekkaniżmu ta' kontinwità kummerċjali: iż-żewġ Awtoritajiet Doganali jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kontinwità kummerċjali biex jirrispondi għal tfixkil fil-flussi kummerċjali minħabba żidiet fil-livelli ta' twissija tas-sigurtà, l-għeluq tal-fruntieri jew id-diżastri naturali, l-emerġenzi perikoluż jew l-inċidenti kbar oħrajn li permezz tagħhom il-merkanzija ta' prijorità relatata mal-Membri tal-Programm jenħtieġ li tiġi ffaċilitata u mħaffa sa fejn ikun possibbli mill-Awtoritajiet Doganali.

3. Wara l-proċess ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 7(5), kull Awtorità Doganali tista' tipprovdi, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet tal-gvern oħraJN fit-territorju tagħha, aktar benefiċċji ta' faċilitazzjoni, li jistgħu jinkludu s-simplifikazzjoni tal-proċessi u ż-żieda tal-prevedibbiltà tal-moviment mal-fruntiera, sa fejn ikun possibbli, pereżempju billi jiġu stabbiliti korsiji rapidi fil-fruntieri tal-art.

4. Kull Awtorità Doganali:

(a) tista' tissospendi l-benefiċċji pprovduti skont din id-Deċiżjoni lil Membru tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra biss għal raġunijiet debitament ġustifikati ekwivalenti għal dawk li għalihom tissospendi Membru tal-Programm mill-Programm tagħha, bħal meta l-Membru tal-Programm jinstab li jkun involut f'inċident relatat mas-sikurezza u s-sigurtà;

(b) għandha, fi żmien raġonevoli, tikkomunika s-sospensjoni operata skont il-punt (a) u r-raġunijiet għas-sospensjoni lill-Awtorità Doganali l-oħra permezz tas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea;

5. Kull Awtorità Doganali għandha, meta tqis li jkun xieraq, tirrapporta irregolaritajiet permezz tas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea li jinvolvu Membri tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra lil dik l-Awtorità Doganali bl-għan li tiġi żgurata analiżi immedjata tal-adegwatezza tal-benefiċċji u l-istatus mogħtija mill-Awtorità Doganali l-oħra.

6. Għal aktar ċertezza, din id-Deċiżjoni ma tillimitax Parti jew Awtorità Doganali milli titlob informazzjoni skont l-assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Anness 7 tad-Deċiżjoni dwar l-Unjoni Doganali jew strument applikabbli ieħor bejn il-Partijiet, jew bejn l-Awtoritajiet Doganali.

Artikolu 5

Skambju ta' informazzjoni u komunikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom itejbu l-komunikazzjoni tagħhom sabiex jimplimentaw din id-Deċiżjoni b'mod effettiv billi:

(a) jipprovdu lil xulxin bid-dettalji dwar il-Membri tal-Programm tagħhom f'konformità mal-paragrafu 3;

(b) jipprovdu lil xulxin b'aġġornamenti dwar l-operabbiltà u l-iżvilupp tal-Programmi tagħhom f'ħin opportun;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar il-politika u x-xejriet tas-sigurtà tal-katina tal-provvista; u

(d) jiżguraw komunikazzjoni effettiva permezz tas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Awtorità Doganali tat-Turkija biex jissaħħu l-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward tas-sigurtà tal-katina tal-provvista.

2. L-iskambju ta' informazzjoni u komunikazzjoni fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni għandu jseħħ bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Doganali tat-Turkija.

3. Malli tirċievi l-kunsens mill-Membru tal-Programm tagħha, kull Parti għandha tibgħat lill-Parti l-oħra d-dettalji li ġejjin dwar dak il-Membru tal-Programm:

(a) l-isem;

(b) l-indirizz;

(c) l-istatus ta' sħubija, jiġifieri awtorizzat, sospiż, revokat jew ikkanċellat;

(d) id-data tal-validazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni meta tkun disponibbli;

(e) in-numru uniku ta' identifikazzjoni (pereżempju: in-numri tal-EORI jew tal-AEO); u

(f) dettalji oħra li jistgħu jiġu ddeterminati b'mod reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet, soġġetti, fejn applikabbli, għal kwalunkwe salvagwardja meħtieġa.

4. Id-dettalji msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (c), ma jinkludux ir-raġunijiet għas-sospensjoni, ir-revoka jew il-kanċellazzjoni.

5. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 b'mod sistematiku b'mezzi elettroniċi.

6. Kull Awtorità Doganali tista' taqsam il-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħha sabiex tittratta kwalunkwe kwistjoni relatata mal-iżdoganar tal-merkanzija tal-Membri tal-Programm.

Artikolu 6

Protezzjoni tad-Data

1. Kull Awtorità Doganali għandha tuża d-data personali skont din id-Deċiżjoni biss jekk u sa fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inkluż il-monitoraġġ u r-rappurtar.

2. Kull Awtorità Doganali għandha tikseb l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel mill-Awtorità Doganali komunikanti li tkun bagħtet l-informazzjoni (l-"Awtorità komunikanti") biex tuża dik l-informazzjoni għal skopijiet oħra. Tali użu għandu jkun soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-Awtorità Doganali li tkun irċeviet l-informazzjoni skont din id-Deċiżjoni ("l-Awtorità Doganali riċeventi") tista' tuża dik l-informazzjoni fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva istitwita għal nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tagħha, inkluż fir-rekords ta' evidenza, rapporti u testimonjanzi tagħha. L-Awtorità Doganali riċeventi għandha tinnotifika lill-Awtorità Doganali komunikanti qabel tali użu.

4. Kull Awtorità Doganali għandha tapplika s-salvagwardji minimi li ġejjin għall-ipproċessar ta' data personali riċevuta mill-Awtorità Doganali l-oħra:

(a) id-data personali trid tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tal-Membri tal-Programm ikkonċernati;

(b) id-data personali trid tinġabar u tiġi pproċessata għall-iskop speċifikat, espliċitu u leġittimu tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment mill-Awtorità Doganali komunikanti jew mill-Awtorità Doganali riċeventi b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dak l-għan;

(c) id-data personali trid tkun preċiża u tinżamm aġġornata;

(d) id-data personali trid tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tal-Membri tal-Programm għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih tkun inġabret id-data jew li għalih tkun ġiet ipproċessata ulterjorment;

(e) l-informazzjoni riċevuta skont din id-Deċiżjoni trid tiġi pproċessata b'mod li tiżgura s-sigurtà xierqa tad-data personali, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi tal-ipproċessar, inkluża l-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa; l-Awtorità Doganali riċeventi għandha tieħu miżuri xierqa biex tindirizza kwalunkwe ksur tad-data, u għandha tinnotifika lill-Awtorità Doganali komunikanti dwar tali ksur mingħajr dewmien żejjed;

(f) kemm l-Awtorità Doganali komunikanti kif ukoll l-Awtorità Doganali riċeventi għandhom jieħdu kull pass raġonevoli biex jiżguraw mingħajr dewmien ir-rettifika jew it-tħassir, kif xieraq, ta' data personali meta l-ipproċessar ma jikkonformax ma' dan l-Artikolu, b'mod partikolari minħabba li dik id-data ma tkunx adegwata, rilevanti, preċiża, jew tkun eċċessiva fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar. Dan jinkludi n-notifika ta' kwalunkwe rettifika jew tħassir lill-Awtorità Doganali l-oħra;

(g) fuq talba, l-Awtorità Doganali riċeventi għandha tinforma lill-Awtorità Doganali komunikanti dwar l-użu tad-data kkomunikata u dwar l-implimentazzjoni tas-salvagwardji fir-rigward ta' din id-data;

(h) l-Awtoritajiet Doganali komunikanti u riċeventi huma taħt l-obbligu li jirreġistraw bil-miktub il-komunikazzjoni u l-wasla ta' data personali;

(i) Il-Membri tal-Programm għandu jkollhom, soġġett għal-limitazzjonijiet meħtieġa u proporzjonati stabbiliti bil-liġi biex jiġu protetti raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, id-dritt li jirċievu informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, li jkollhom aċċess għal tali data u li d-data mhux preċiża jew ipproċessata illegalment tiġi rettifikata jew titħassar,;

(j) Il-Membri tal-Programm għandu jkollhom id-dritt, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, għal rimedju ġudizzjarju effettiv għall-ksur tas-salvagwardji msemmija hawn fuq.

5. Kull Awtorità Doganali għandha tinnotifika minnufih lill-Awtorità Doganali l-oħra jekk tiddetermina li l-informazzjoni li tkun baġħtet lill-Awtorità Doganali l-oħra ma tkunx preċiża, mhux kompluta jew mhux affidabbli, jew jekk l-irċevuta jew l-użu ulterjuri tagħha jiksru din id-Deċiżjoni.

6. Kull Awtorità Doganali għandha tipprovdi aċċess lill-Membri tal-Programm, minħabba li dan jirrigwarda d-data personali tagħhom, għal rimedju amministrattiv jew rimedju ġudizzjarju irrispettivament min-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza tagħhom.

7. L-Awtoritajiet Doganali għandhom jippubblikaw informazzjoni biex jinfurmaw lill-Membri tal-Programm dwar l-għażliet tagħhom li jfittxu rimedju amministrattiv jew rimedju ġudizzjarju.

8. Il-konformità ma' dan l-Artikolu minn kull Awtorità Doganali hija soġġetta għal superviżjoni mill-awtorità indipendenti kompetenti tagħhom, li tiżgura sorveljanza u li l-ilmenti relatati man-nuqqas ta' konformità fit-trattament tal-informazzjoni jiġu riċevuti, investigati, imwieġba u rimedjati kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma:

(a) fl-Unjoni: il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jew is-suċċessur tiegħu, u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri;

(b) fit-Turkija: l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data Personali (KVKK, Kişisel Verileri Koruma Kurumu) tar-Repubblika tat-Turkija.

Artikolu 7

Implimentazzjoni, konsultazzjoni, monitoraġġ u rieżami

1. Il-Partijiet għandhom isolvu kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni permezz ta' konsultazzjonijiet taħt l-awspiċji tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali.

2. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandhom jimmonitorjaw dan regolarment permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ konġunti perjodiċi fuq il-post biex jidentifikaw il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet possibbli fil-Programmi taż-żewġ Partijiet.

3. B'mod partikolari, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 u se jinfurmaw lil xulxin dwar kwalunkwe aġġornament jew bidla fil-Programmi tagħhom, se jivvalutaw jekk dawn il-bidliet jistgħux ikollhom impatt fuq il-kompatibbiltà tal-Programmi taż-żewġ Partijiet inkluż permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ konġunti fuq il-post u, fejn meħtieġ, se jieħdu miżuri biex jiżguraw il-kompatibbiltà kontinwa tal-Programmi.

4. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw l-użu ta' din id-Deċiżjoni mill-Membri tal-Programm.

5. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali għandu jirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment. Dan il-proċess ta' rieżami jista' jinkludi, b'mod partikolari:

(a) skambji ta' fehmiet dwar id-dettalji skambjati u l-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 4 mogħtija lill-Membri tal-Programm, inklużi kwalunkwe dettalji futuri jew benefiċċji;

(b) skambji ta' fehmiet dwar id-dettalji tal-ġestjoni tal-istatus tal-AEO, eż. il-monitoraġġ, ir-rivalutazzjoni, is-sospensjoni u r-revoka;

(c) skambji ta' fehmiet dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà bħal protokolli li għandhom jiġu segwiti matul u wara inċident serju ta' sigurtà (it-tkomplija tan-negozju) jew meta l-kundizzjonijiet jistħoqqilhom sospensjoni tar-rikonoxximent reċiproku;

(d) eżami tas-sospensjoni tal-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 4;

(e) rieżami tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6; u

(f) kwalunkwe bidla fil-Programmi tal-Partijiet.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet finali

1. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali jista' jemenda din id-Deċiżjoni. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 9.

2. Parti tista' tissospendi l-kooperazzjoni skont din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin billi tipprovdi avviż bil-miktub ta' 30 jum lill-Parti l-oħra. Minkejja s-sospensjoni tal-kooperazzjoni skont din id-Deċiżjoni, l-Awtoritajiet Doganali taż-żewġ Partijiet għandhom ikomplu jikkonformaw mal-Artikolu 6 sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni.

3. Kwalunkwe Parti tista' ttemm din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Parti l-oħra permezz ta' mezzi diplomatiċi. Din id-Deċiżjoni għandha tintemm 30 jum wara li l-Parti l-oħra tirċievi n-notifika bil-miktub. Minkejja t-tmiem ta' din id-Deċiżjoni, l-Awtoritajiet Doganali għandhom ikomplu jikkonformaw mal-Artikolu 6 sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni.

4. F'każ ta' terminazzjoni, kwalunkwe waħda mill-Partijiet hija intitolata li titlob li l-informazzjoni li tkun ikkomunikat, flimkien ma' kwalunkwe backup tagħha, tiġi rritornata lill-Parti komunikanti jew titħassar fl-intier tagħha. Il-Parti responsabbli għat-tħassir għandha tiċċertifika t-tħassir tal-informazzjoni lill-Parti l-oħra. Sakemm l-informazzjoni titħassar jew tintbagħat lura, il-Parti riċeventi għandha tkompli tiżgura l-konformità mal-Artikolu 6. F'każ li l-liġijiet lokali applikabbli għall-Parti riċeventi jipprojbixxu r-ritorn jew it-tħassir tal-informazzjoni kkomunikata, il-Parti riċeventi tiggarantixxi li se tkompli tiżgura l-konformità mal-Artikolu 6 u se tipproċessa l-informazzjoni biss sa fejn u sakemm ikun meħtieġ skont dik il-liġi lokali.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri tagħhom stess meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħha.

Magħmul fi …, fi…

Għall-Kumitat għall-Kooperazzjoni Doganali

Il-President